**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 319/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**-Vs-**
**YASMIN DIMECH**

**Illum, 30 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **YASMIN DIMECH**, ta' 24 sena u nazzjonalita' Maltija, bint Malcolm Dimech u Fiona Dimech nee' Zammit, imwieleda Pieta, nhar il-31 ta' Ottubru 1996, registrata bhala residenti fil-fond 90, Triq Ċensu Buġeja, Ħamrun u detentriċi tal-karta tal-identita' b'numru 0452596M U ***Omissis***, li ġew akkuzati talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta' Lulju 2019 u/jew fix-xhur u/jew is-snin ta' wara u/jew qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Għamlu atti ta' money laundering billi:

    i. Ikkonvertew jew ittrasferew propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;

    ii. Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprejta' tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

    iii. Akkwistaw, kellhom fil-pussess tagħhom, jew użaw proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali;

    iv. Bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġjonevoli ta' proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjeta' inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

v. It-tentattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali;

vi. Aġixxew bhala komplici fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija;

U dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att Kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Lil *omissis* waħdu:**

1. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, talli sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li ġie misjub ħati ta’ diversi reati b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna ‘Ordni ta’ Qbid u Iffrizar’ u tissekwestra u/jew izzomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta’ mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputati jew huma propjeta’ taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, jwiegħedu, jipotekaw jew jbiddlu jew jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta’ jew inkella miżmuma minnha *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita’, Kap. 621 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi u b'zieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti, tal-corpus delicti u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-proprjeta' kollha tal-imputat fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Mejju 2021 ai termini tal-artikolu 3(2A)(a) tal-Att kontra Money Laundering fejn ġie ordnat li l-imputata, Yasmin Dimech, titressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tagħha għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Att;

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġ fl-20 ta' Mejju 2021 fil-konfront tal-imputata ai termini tal-artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373),,

l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' (Kap. 621);

Rat illi b'digriet mogħti mis-S.T.O il-Prim'Imħallef fit-3 ta' Ottubru 2023, din il-kompilazzjoni ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat li fl-4 ta' Ottubru 2023 kienet ġiet eżentata mill-partijiet milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2024, ġie ordnat is-separazzjoni tal-proċeduri bejn l-imputata Yasmin Dimech u l-imputat *Omissis*;

Rat il-kontro-ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Mejju 2024 fejn għall-fini tal-artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Att kontra Money Laundering, ordna illi l-imputata tiġi proċessata quddiem din il-Qorti fuq l-akkużi miġjuba kontrih għal ksur tal-provvediment tal-istess Att.

Rat illi fl-istess kontro-ordni, l-Avukat Ġenerali indika wkoll l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputata tiddikjara fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 li m'għandhiex oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tad-9 ta' April 2025;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat uniku ta' money laundering ċioe' illi għamlet wieħed jew ieħor mill-atti maħsuba fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2(1) tal-Att kontra Money Laundering.

"*Money laundering*" tfisser:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet

direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-imputata ma ġietx akkużata b'xi reat li jikkostitwixxi l-attivita' kriminali sottostanti, iżda dan m'huwiex ta' xkiel għal xi sejbien eventwali ta' ħtija għad-delitt ta' money laundering għaliex il-leġislatur għamilha ċar li tista' tinstab ħtija taħt l-Att kontra Money Laundering anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti[1]. L-artikolu 2(2)(a) tal-Kapitolu 373 jiddisponi espressament illi l-prosekuzzjoni mhux marbuta tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u lanqas m'hu meħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti: huwa biżżejjed biex jiġi radikat sejbien ta' ħtija għar-reat ta' money laundering, li l-attivita'

[1] Il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 2(2) tal-Kap. 373 jistipola illi "attività kriminali sottostanti" tirreferi għall-attività kriminali li minnha il-proprjetà jew rikavat ieħor, li tkun involuta fir-reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun ġiet direttament jew indirettament miksuba.

kriminali sottostanti tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra. Inoltre, l-Att kontra Money Laundering jagħmilha ċar ukoll[2] illi persuna tista' tinsab ħatja separatament kemm tad-delitt ta' money laundering, kif ukoll tal-attività kriminali sottostanti li minnha inkisbet il-proprjetà jew ir-rikavat li fir-rigward tiegħu tkun qed tiġi akkużata ta' money laundering.

In kwantu għall-element formali tar-reat ta' money laundering, l-Att kontra Money Laundering jikkriminalizza mhux biss ix-xjenza pożittiva u speċifika tal-oriġini kriminali tal-proprjeta', iżda wkoll l-element formali minuri konsistenti f'suspett. Hija biżżejjed il-prova li l-imputat ikollu suspett li l-proprjeta' msemmija f'wieħed mill-paragrafi tal-artikou 2(1) fuq imsemmija, tkun ir-rikavat ta' jew tkun ġejja minn attivita' kriminali anke jekk m'huwiex ħati ta' din l-attivita' kriminali sottostanti, jew ma kienx involut f'din l-attivita' kriminali. Il-prova ta' dan l-element tas-suspett tista' ssir ukoll b'inferenzi ta' fatt li jitnisslu minn ċirkostanzi oġġettivi u fattwali, purche' jiġi ppruvat ukoll stat formali pożittiv li jmur lil hinn minn sempliċi negliġenza.

Għandhom jitqiesu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi u dan bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 373, li jipprovdi:-

*(3) Fi proċeduri dwar reat ta' money laundering taħt dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu* mutatis mutandis *japplikaw.*

L-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap 101 jiddisponi:

[2] Artikolu 2(2)(b) tal-Kap. 373.

"*Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.*"

Għalhekk, minħabba l-imsemmi artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101, biex l-akkuża tar-reat ta' money laundering tiġi ppruvata b'suċċess, il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova ness bejn l-imputat, l-attivita' kriminali (li kif rajna mhux meħtieġ li jiġi ppruvat bi preċiżjoni liem'hi) u l-proprjeta' li qed jiġi allegat li tikkostitwixxi r-rikavat ta' jew ġejja minn, attivita' kriminali. Jekk, stabbilit dan in-ness, ma jirriżultax li hemm spjegazzjoni loġika u raġjonevoli dwar l-oriġini tal-proprjeta', jinkombi mbagħad lill-akkużat li fuq bażi ta' probabbilita', jistabbilixxi l-oriġini leċita ta' dak il-flus, proprjetà jew rikavat.

Fir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **The Police v. Carlos Frias Mateo**, tad-19 ta' Jannar 2012, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

"*F'din il-kawza, l-appellat qed jiġi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta iżda dan il-Kap jagħmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata.*

*Għalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attività`*

*kriminali,* ***kull ma għandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali****. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Fir-rigward in-ness li għandu jiġi stabbilit mill-Prosekuzzjoni bejn il-proprjeta' allegatament provenjenti minn attivita' kriminali u l-istess attivita' kriminali, fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin**, din il-Qorti diversament preseduta ikkunsidrat:

*"That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question.*

*This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case* ***Republic of Malta vs John Vella*** *when it said:*

'….l-Avukat Ġenerali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attività kriminali sottostanti…. Ċertament pero ikun x'jkun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering … irid jindika n-ness bejn l-attività kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega'.

*That once the prosecution satisfied this onus, in terms of article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta which applies to proceedings for an offence*

*of money laundering by application of article 3(2A)(3) of Chapter 373, the burden of proof then shifts on defendant who has the onus of showing the lawful origin of the money in question.*"

Dan stabbilit, il-Qorti sejra tgħarbel il-provi u x-xhieda proċesswali sabiex, bl-applikazzjoni tar-regoli u l-prinċipji in materja, tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, l-elementi kollha tar-reat ta' money laundering fir-rigward tal-imputata Yasmin Dimech.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi fil-konfront tal-imputata nibtu minn investigazzjoni finanzjarja li saret mill-Pulizija wara ordni mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Jannar 2020 lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jiġi investigat il-provenjenza tal-flus li ntużaw għax-xiri ta' vetturi mill-imputata, Yasmin Dimech, li kienet għamlet rikors quddiem l-istess Qorti għar-rilaxx tal-vettura tal-għamla Mercedes Benz E-Class bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC-098 liċenzjata f'isimha[3], liema vettura kienet ġiet miżmuma mill-Pulizija in konnessjoni mal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront ta' Justin Farrugia[4] fir-rigward ta' allegat pussess aggravat tad-droga kannabis u kokaina.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi Justin Farrugia, li kien il-ko-imputat sakemm ġiet ordnata s-separazzjoni tal-proċeduri fl-20 ta' Marzu 2024, u jiġi wkoll is-sieħeb tal-imputata u missier binha minuri, kien ġie arrestat mill-Pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-droga fit-8 ta' Lulju 2019 ġewwa San Ġwann meta kien instab ċirka 23 kilogramma cannabis fil-vettura li kien qed

[3] Din il-vettura kienet ġiet liċenzjata f'isimha fit-28 ta' Diċembru 2018.
[4] Din il-vettura ġiet rilaxxata favur Yasmin Dimech b'digriet tal-24 ta' Jannar 2020.

isuq, Toyota Tercel bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 228[5]. Kien ġie wkoll elevat mill-pussess tiegħu is-somma ta' ċirka €2,000 fi flus kontanti. Iktar tard dakinhar, waqt tfittxija li saret f'garaxx fi Triq Censu Borg, il-Ħamrun, liema garaxx kien qed jiġi sorveljat mill-Pulizija – instabet vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC-098, liċenzjata f'isem l-imputata Yasmin Dimech. Minn ġewwa din il-vettura il-Pulizija elevaw flus kontanti fis-somma ta' ċirka €40,000, mitt gramma kokaina u €2,000 f'kontanti li kienu f'pouch ġewwa l-istess vettura. Id-droga u l-flus kontanti, kif ukoll iż-żewġ vetturi tal-imputata, ġew elevati mill-Pulizija u fir-rigward infetħet inkjesta mill-maġistrat. In segwitu, Justin Farrugia kien ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti fi proċeduri separati, akkużat b'diversi reati fosthom pussess aggravat ta' drogi[6].

Is-somma ta' €44,000 li kienet ġiet esebita materjalment fil-proċeduri kriminali kontra Justin Farrugia, rappreżentanti l-flus kontanti li nstabu fil-garaxx u fil-Mercedes, ġiet esebita formalment fl-atti tal-kompilazzjoni (KB/344/2019)[7].

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li nstabu ammont sostanzjali ta' flus kontanti, fis-somma ta' ċirka €42,000 kif ukoll ammont sostanzjali ta' drogi f'żewġ vetturi li kienu liċenzjati f'isem l-imputata, li hija persuna li m'hijiex impjegata u tgħix bl-assistenza soċjali, f'ċirkostanzi fejn ma kienx jidher li l-imputata setgħet kellha mezzi finanzjarji leġittimi li jippermettu li jkollha fil-pussess tagħha flus ossia proprjeta' ta' dik l-entita', liema ċirkostanzi kienu juru wkoll li l-flus kien provenjenti minn attivita' kriminali.

[5] Vettura liċenzjata f'isem l-imputata Yasmin Dimech.
[6] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar, PS 336 Francesco Imbroll, PS 1289 Andrei Cassar Bonaci, PS 560 Aaron Grech u PC 1527 Greg Marley rigward il-fatt tal-arrest Justin Farrugia fit-8 ta' Lulju 2019.
[7] Ara wkoll relazzjoni Dok. TZ fejn il-vettura Mercedes u Toyota Tercel ġew iffotografati flimkien mad-drogi li nstabu fil-vetturi u l-flus kontanti.

Analizzati l-provi illi l-Proskuzzjoni ġabet f'dan il-każ dwar il-flus kontanti fis-somma ta' €42,000 li nstabu fil-vettura liċenzjata f'isem l-imputata – proprjeta' allegatament provenjenti minn attivita' kriminali - u n-ness bejn din il-proprjeta' u xi xejra ta' attivita' kriminali, il-Qorti tqis li għad illi mhux meħtieġ li jiġi ppruvat ix-xorta preċiża tal-attivita' kriminali sottostanti, fil-każ in diżamina l-prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi konkreti li jnisslu inferenza qawwija u b'hekk jistabbilixxu bażi raġjonevoli sabiex wieħed jissuspetta illi dik il-proprjeta' kienet ġejja minn attivita' kriminali marbuta mad-droga. Dan qed jingħad għaliex fil-vettura tal-imputata, Toyota Tercel LCF 228 kien instab ammont sostanzjali ta' drogi meta din kienet qed tinstaq mill-għarus tagħha Justin Farrugia, u dakinhar stess kien instab kwantita' oħra ta' droga flimkien mas-somma ta' €42,000 fi vettura oħra li mill-provi huwa stabbilit li kienet inxtrat mill-imputata u kienet ukoll liċenzjata f'isimha. Attivita' kriminali li kif rajna, mhux meħtieġ li tinstab ħtija jew ikun hemm sentenza ta' kundanna dwarha, u lanqas li jiġi stabbilit b'mod preċiż f'hiex tikkonsisti l-attivita' kriminali sottostanti.

L-artikolu 2(1) tal- Att kontra Money Laundering jagħti s-segwenti tifsira għall-attività kriminali:

*"attività kriminali" tfisser kull attività, tkun fejn tkun magħmula, u tkun meta tkun magħmula, li taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra, tammonta għal:*

…

*(b) wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda għal dan l-Att;"*

It-Tieni Skeda mbagħad tipprovdi li r-reati li jammontaw għal 'attivita' kriminali' huma: "*Kull reat kriminali*".

Il-provi jistabbilixxu wkoll li l-imputata kienet mhux biss is-sid liċenzjat tal-vettura Mercedes iżda kienet effettivament il-persuna li xtrat il-vettura u ffirmat il-ftehim mal-bejjiegħ u ħallset uħud mill-pagamenti tal-prezz bilanċjali tal-vettura[8]. Għall-Qorti il-fatt li fil-vettura tal-imputata kien qed jinżamm mhux biss ammont sostanzjali ta' flus kontanti iżda wkoll ammont ta' drogi illegali jikkostitwixxi indizzju konkret dwar l-involviment tal-imputata f'attivita' kriminali f'reati li għandhom x'jaqsmu mal-pussess ta' drogi illegali u f'dan il-kwadru sħiħ ta' fatti u evidenza ċirkostanzjali, tirravviża ness pożittiv bejn l-imputata u d-drogi li nstabu fil-vetturi tagħha - liema drogi jikkostitwixxu l-attivita' kriminali sottostanti - kif ukoll bejn l-imputata u l-proprjeta' li allegatament tikkostitwixxi r-rikavat ta' jew ġejja minn, dik l-attivita' kriminali, ċioe' l-flus fis-somma ta' ċirka €42,000 li nstab f'waħda mill-vetturi tagħha.

Anke jekk għal mument wieħed kellu jikkonċedi li l-imputata setgħet ma kienetx l-awtur jew l-aġent prinċipali tal-attivita' kriminali marbuta mad-droga, fl-aħjar ipotesi għaliha, l-użu tal-vetturi tagħha bħala mezz għall-ġarr u żamma tad-droga jistabbilixxi s-sehem tagħha fl-attivita' kriminali bħala kompliċi ai termini tal-artikolu 42(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, liema kompliċita' tiswa wkoll bħala att ta' money laundering kemm il-darba l-elementi l-oħra tad-delitt jiġu wkoll ippruvati.

Stabbilit dan in-ness, il-Qorti tqis tindaga jekk il-proprjeta' li l-Prosekuzzjoni qed tallega li tikkostitwixxi r-rikavat ta' attivita' kriminali, hijiex konformi mal-istil tal-ħajja tal-imputata u jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tistabbilixxi, imqar fuq bażi *prima facie*, li ma hemmx spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat, ma kienux flus, proprjetà jew rikavat li oriġina minn attivita' kriminali.

---

[8] Ara xhieda ta' Brian Cutajar.

L-imputata xehdet[9] illi ilha f'relazzjoni ma' Justin Farrugia madwar għaxar snin u huwa missier it-tifel tagħha, Zamken, li twieled fis-17 ta' Diċembru 2017[10] u minn eżami tal-provi proċesswali l-Qorti fehmet li huma jgħixu flimkien fl-indirizz 90, Censu Bugeja, Ħamrun[11]. Jirriżulta wkoll li matul ir-relazzjoni tagħhom ftit qabel ma twieled binhom, Justin Farrugia instab ħati ta' reati dwar pussess tad-droga eroina b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2017[12].

L-imputata xehdet illi hija *single mother* u qatt ma ħadmet ħlief għal perijodu qasir meta kienet impjegata ma' Smart Supermarket. Minn eżami tal-*employment history* tal-imputata (Dok. JS) jirriżulta illi hija kienet impjegata biss bejn it-28 ta' April 2014 sat-22 ta' Ġunju 2014 ma' Smart Supermarket Ltd. bħala cleaner, filwaqt li l-għarus tagħha Justin Farrugia qatt ma kien impjegat (Dok. JS1).

Huwa stabbilit ukoll illi fl-2016 l-imputata bdiet tirċievi assistenza soċjali bħala ġenitur mhux miżżewġa kif ukoll *allowance* tat-tfal, u sal-2021 kienet irċeviet total ta' €44,331.07, inkluż ħlas ta' darba ta' *milk grant* u benefiċċju tal-maternita' fl-2015 u fl-2016[13] (medja ta' €7,300 fis-sena).

Justin Farrugia, il-ko-imputat, ukoll irċieva assistenza soċjali bħala persuna li ma taħdimx (*relief*) bejn l-2012 u l-2021 (inkluż *allowance* supplimentari bejn l-2018 u l-2021), b'total imħallas lilu għall-imsemmi perijodu ta' €46,953.49 jew medja ta' €4,600 fis-sena[14].

---

[9] Xhieda tal-25 ta' Settembru 2024.

[10] Dok. SC, paġna 264 tal-atti.

[11] Mix-xhieda ta' PC 635 Luke Bonnett jirriżulta li meta l-imputata fetħet il-bieb tal-fond 90, Triq Censu Bugeja, Hamrun biex issir tfittxija fid-19 ta' Mejju 2021, sabu lil Justin Farrugia rieqed fis-sodda. Ara wkoll rikors għall-ħelsien mill-arrest tat-28 ta' Mejju 2021.

[12] Dok. RA5.

[13] Total ta' €2,010.23 – ara Dok. ST.

[14] Dok ST1.

La l-imputata u lanqas is-sieħeb tagħha qatt kienu reġistrati mad-Dipartiment tal-VAT bħala persuni taxxabbli u filwaqt li l-imputata kienet iddikjarat dħul minn impieg darba waħda biss, in konnessjoni mal-impieg tagħha ma' Smart Supermarket Ltd. fl-2014[15], Justin Farrugia qatt ma ddikjara ebda dħul u kwindi qatt ma ħallas ebda taxxa[16].

Jirriżulta wkoll li bejn it-30 ta' Novembru 2016 u l-31 ta' Jannar 2017 l-imputata irċeviet mingħand l-Awtorita' tad-Djar sussidju taħt l-iskema ta' benefiċċju fuq il-kera f'residenzi privati, fis-somma totali ta' €500 b'rabta mal-kera tal-fond 19, Flat 1, Triq Vincenzo Hyzler, San Ġwann[17]. In segwitu, bejn it-23 ta' Marzu 2019 u t-3 ta' Mejju 2021, irċeviet is-somma totali ta' €14,670.79[18] in linea ta' sussidju taħt l-istess skema fuq il-kera li tħallas (fis-somma ta' €500 fix-xahar) għall-kiri tal-fond 90, Triq Censu Bugeja, Hamrun[19].

L-imputata għandha kont bin-numru 40022448668 ma' Bank of Valletta p.l.c.[20] u l-provi juri illi qatt ma saru depożiti ta' flus f'dan il-kont, għajr għall-pagamenti li hija tirċievi perijodikalment mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali in linea tal-benefiċċji soċjali, u mill-Awtorita' tad-Djar in linea ta' sussidju fuq il-kera[21]. Għandha wkoll kont Revolut[22] li bejn Ġunju 2020 u April 2021 irċieva fih is-somma komplessiva ta' €1,998.40 mingħand diversi persuni, u tħallas minnu l-ammont ta' €2,076.60.

---

[15] Iddikjarat is-somma ta' €670 mill-impieg ma' Smart Supermarket Ltd, Dok. JD1.
[16] '*Non-filer status*'. Benefiċċji soċjali mhumiex taxxabbli.
[17] RSS 294/2016 – Dok. AX.
[18] €10,261.10 + €4,409.69.
[19] Ara Dok. AX2.
[20] Għandha wkoll kont ta' tfaddil f'isimha għan-nom ta' binha, b'bilanċ ta' ċirka €660.
[21] Salv ukoll depożitu fis-somma ta' €35 permezz ta' trasferiment minn kont ieħor tagħha mal-istess bank fit-28 ta' Frar 2020 (Dok. SC1).
[22] Kont numru LT203250007802818807 li nfetaħ fis-16 ta' Ġunju 2020.

Ġie stabbilit ukoll li la l-imputata u lanqas Justin Farrugia ma huwa sid ta' xi proprjeta' jew għandu xi dritt immobiljarju fuq xi proprjeta' u in kwantu Justin Farrugia, jirriżulta li huwa għandu biss dejn mas-soċjeta' Go plc (Dok. IB u Dok. IB1).

Min-naħa l-oħra, bil-mezzi ferm limitati tagħha, jirriżulta li l-imputata kellha s-segwenti vetturi reġistrati f'isimha mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta: Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 228 li ġiet liċenzjata f'isimha fit-28 ta' Diċembru 2018[23]; BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBU 274 bejn it-8 ta' Jannar 2019 u t-12 ta' Ġunju 2019[24]; Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 098 bejn is-6 ta' Ġunju 2019 u s-27 ta' April 2020[25]; u Toyota Starlet bejn 12 ta' Settembru 2019 sas-16 ta' Ġunju 2020[26]. Dan ifisser li kien hemm żmien meta kellha xejn inqas minn tliet vetturi reġistrati f'isimha.

Mill-provi[27] jirriżulta li l-vettura BMW JBU 247 inxtrat f'Jannar 2019 mingħand Anthony Vella għall-prezz ta' ċirka €9,000. Anthony Vella xehed illi l-imputata kienet ħallset il-prezz permezz ta' depożitu fis-somma ta' €1,500 u numru ta' pagamenti sussegwenti, kollha f'kontanti, liema pagamenti saru mill-imputata u minn Justin Farrugia flimkien.

Imbagħad, f'Ġunju 2019, l-imputata xtrat vettura oħra bi tpartit mal-vettura BMW JBU 247, mingħand Regina Autodealer Ltd. Brian Cutajar, id-direttur tal-kumpannija, ikkonferma li f'Ġunju 2019 l-imputata kienet marret fix-showroom tal-kumpannija flimkien ma' Justin Farrugia u xtrat vettura Mercedes

---

[23] Toyota Tercel reġistrata f'isem l-imputata – Justin kien qed isuqha meta ġie arrestat u nstab fuqu droga 23kg u €2,000 fi konanti – LCF 228.
[24] Fit-12 ta' Ġunju 2019, din il-vettura ġiet reġistrata f'isem Regina Auto Dealer.
[25] Qabel u wara, din il-vettura kienet liċenzjata f'isem Regina Auto Dealer.
[26] Ara Dok. VC, VC1 u VC2 u xhieda ta' Vanessa Camilleri, 7 ta' Lulju 2021.
[27] Ara b'mod partikolari x-xhieda ta' Anthony Vella.

bin-numru tar-reġistrazzjoni ICC-098[28]. Kienet iffirmat hija stess hire purchase agreement fir-rigward tal-vettura. Ikkonferma wkoll illi l-prezz tal-vettura kien tħallas permezz tat-tpartit tal-vettura BMW ta' Yasmin Dimech (JBU 247) li kien ġie stmat li tiswa madwar €11,000, u biż-żieda tas-somma addizzjonali ta' €6,000 li kellha titħallas f'pagamenti mensili ta' €125 kull wieħed[29]. Brian Cutajar xehed ukoll li kien irċieva mingħand Yasmin Dimech biss xi tnejn jew tliet pagamenti akkont tal-bilanċ tal-prezz dovut, u billi l-vettura kienet ġiet elevata mill-Pulizija, huwa kien ħa lura l-pussess tal-vettura li kienet taħt l-awtorita' tal-Qorti, u bi ftehim mal-imputata kien raddilha lura s-somma ta' €3,000 biex in-negozju jitħassar.

Waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata fid-19 ta' Mejju 2021, instabu diversi riċevuti dwar logħob tal-azzard li nxtraw fis-16 ta' Mejju 2021 fejn jirriżulta li f'temp ta' ftit minuti ntlagħbet is-somma ċirka €400 fuq logħba waħda tal-futbol[30].

Stabbilit in-ness bejn l-imputata u l-proprjeta' li qed jiġi allegat li tikkostitwixxi r-rikavat ta' jew ġejja minn, attivita' kriminali, u l-attivita' kriminali, il-Prosekuzzjoni ma jeħtiġilhiex tistabbilixxi wkoll il-provenjenza tal-imsemmi proprjeta', iżda kif ingħad qabel, jinkombi fuqha l-oneru li turi sal-grad tal-*prima facie* illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus, u li l-istil tal-ħajja tal-imputata ma jidhirx li jiġġustifika n-ness mal-proprjeta'.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha turi li mhux biss li l-imputata – persuna li qatt ma ħadmet u l-uniku dħul tagħha u tal-għarus tagħha

---

[28] Vide hire purchase agreement Dok. TF datat 6 ta' Ġunju 2019 konkluż bejn Brian Cutajar u l-imputata u ffirmat minnhom.
[29] Il-vettura BMW ġiet trasferita f'isem Regina Autodealer Ltd. fit-12 ta' Ġunju 2019.
[30] Dok. TF4, xhieda Spettur TonJoe Farrugia.

fl-aħħar għaxar snin jikkonsisti biss f'assistenza soċjali - kellha fil-pussess tagħha s-somma ta' €44,000 fi flus kontanti u diversi vetturi liċenzjati f'isimha, fosthom vettura tal-għamla BMW li għaliha ħallset prezz ta' ċirka €9,000, iżda wriet ukoll li m'hemmx spjegazzjoni raġjonevoli dwar l-origini ta' din il-proprjeta' li nstab fil-pussess tagħha. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101, tqis illi l-oneru tal-prova jixxaqleb fuq l-imputata biex turi, sal-grad tal-probabbli, l-oriġini leċita tal-flus.

L-imputata fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti iddikjarat li ma taf xejn fuq il-vettura Mercedes li nstab fil-garaxx fl-istess triq tar-residenza tagħha ġewwa Triq Censu Borg, Ħamrun, ħlief li l-vettura kienet inxtrat u ġiet liċenzjata f'isimha. Imbagħad stqarret li kienet taf li l-vettura Mercedes kienet tinżamm fil-garaxx u li l-għarus tagħha kien isuqha iżda ċaħdet li l-flus li nstab fil-vettura huma tagħha u sostniet li ma tafx ta' min huma. Ċaħdet ukoll li qabel xtrat il-Mercedes mingħand Regina Autodealer Ltd., kellha vettura BMW liċenzjata f'isimha u saħqet li kienet marret għand l-autodealer darba waħda biss meta nxtrat il-vettura Mercedes, ma kellhiex x'taqsam mal-flus li tħallas għall-akkwist tal-vettura u ma ħarġet ebda flus. Saħqet ukoll li l-vetturi l-oħra kollha li kienu liċenzjati f'isimha, fosthom Toyota Tercel LCF 228 u Toyota Starlet MEX 309 m'humiex tagħha iżda tal-ko imputat Justin Farrugia, l-għarus tagħha għalkemm hija kienet tagħmel użu mill-vettura Toyota Starlet.

Huwa evidenti li l-imputata kienet evażiva ferm fix-xhieda tagħha u minkejja li għażlet li tieħu l-pedana tax-xhieda, ippruvat tiżgiċċa diversi drabi milli twieġeb għad-domandi li sarulha inkluż mill-qorti stess, u kkontradixxiet ruħha f'diversi okkażjonijiet. Iktar minn hekk, il-verżjoni tagħha dwar ix-xiri tal-vetturi u l-ħlas tal-prezz relattiv, hija kontradetta bis-sħiħ mix-xhieda ta' Anthony Vella u Brian Cutajar, il-bejjiegħa rispettivi tal-vetturi li t-tnejn ikkonfermaw li l-imputata kienet preżenti meta sar in-negozju tal-bejgħ, ippreżentat ruħha bħala

x-xerrej u ħallset il-pagamenti akkont tal-prezz, anke jekk dan il-ħlas sar flimkien ma' Justin Farrugia.

Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni, ma jirriżulta minn imkien li l-imputata ma kellhiex aċċess għall-garaxx fejn kienet tinżamm il-vettura Mercedes li fiha nstabu d-drogi u l-flus kontanti, u lanqas ma kienet korretta d-difiża meta sostniet li l-imputata m'għandhiex liċenzja tas-sewqan – fix-xhieda tagħha l-imputata mkien ma asseriet li m'għandhiex liċenzja tas-sewqan u d-dikjarazzjoni tagħha li l-vettura Mercedes li xtrat mingħand Regina Autodealer Ltd. tinstaq biss mill-għarus tagħha, ma jfissirx li l-vettura hija tiegħu.

Iżda iktar minn hekk, irid jingħad illi huwa prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat, u dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Ir-*raison d'etre* ta' din ir-regola tinsab fil-fatt illi persuna li qiegħda tiġi akkuzata bl-istess reat bħall-awtur tar-reat, jaf ikollu interess qawwi illi jtaffi l-ħtija jew ir-responsabbilita` tiegħu u jixħet tali ħtija u responsabbilita` fuq ħaddieħor.

Il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra[31].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis* u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

[31] Ara wkoll : **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.

*".. (i)r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz ..."*

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea**[32]:

*"Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan ilprincipju hu l-argument "a contrario*

[32] Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Marzu 2019.

*sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dirregola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah limpunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-imputata li l-vettura Mercedes u l-vetturi l-oħra kollha liċenzjati f'isimha huma tal-għarus tagħha u hu biss isuqhom. Fl-aħjar ipotesi għall-imputata, kieku seta' jingħata xi piż probatorju lill-verżjoni tagħha li hija akkwistat il-vettura Mercedes u dehret bħala s-sid liċenzjat biss bħala prestanome minflok is-sid veru, l-għarus tagħha, ikun ifisser illi hija wettqet att ta' ħabi jew ta' wiri ħaġa b'oħra tal-vera jedd fuq proprjetà, meta kellha tkun taf jew mill-inqas tissuspetta li dik il-proprjetà inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali[33], jew inkella, li hija kienet kompliċi fl-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà bħal dik – ilkoll atti ta' money laundering skont kif imfisser fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(1)[34] tal-Kap. 373.

Anke jekk għal mument l-imputata kellha titwemmen meta qalet li ma tafx ta' min kienu l-flus li nstabu fil-vettura Mercedes u li ma kienet ħarġet ebda flus għall-akkwist tal-vettura BMW u l-vettura Mercedes, xhieda bħal dik ma tikkostitwixxix prova dwar l-oriġini leġittima tal-flus u l-proprjeta' li ġejja

---

[33] Kif diġa' ġie stabbilit, Justin Farrugia ġie kkundannat fl-2017, waqt li skont l-imputata kienu f'relazzjoi flimkien, għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina: l-inferenza ċara hi li l-imputata ma setgħetx ma kienetx taf li l-għarus tagħha kien ġie kkundannat għal dak ir-reat.

[34] Paragrafi (i) sa (vi).

allegatament minn attivita' kriminali. Kemm hu hekk, anke jekk wieħed jiġbor flimkien l-ammont kollu li l-imputata u l-għarus tagħha Justin Farrugia rċevew in linea ta' dħul minn benefiċċji soċjali sa Ġunju 2019[35], xorta waħda ma kien ikun hemm biżżejjed fondi għax-xiri tal-vettura BMW u għall-pussess tas-somma ta' €42,000 li nstab fil-vettura Mercedes, lanqas jekk ma jsir ebda tnaqqis għall-ispejjez ordinarji tal-ħajja tagħhom u ta' binhom.

Għalhekk, miżmum ferm dan kollu, mhux biss ġie stabbilit ness bejn proprjeta' allegatament provenjenti minn attivita' kriminali, l-istess attivita' kriminali u l-imputata, iżda jirriżulta wkoll li l-imputata kellha fil-pussess tagħha proprjeta' - ċioe' flus kontanti fis-somma ta' ċirka €42,000 u vetturi b'valur komplessiv mhux negliġibbli - li hija eċċessiva tenut kont tal-mezzi finanzjarji tagħha.

Il-Qorti tqis li l-provi miġjuba mill-imputata huma ferm fjakki u wkoll ferm 'il bogħod milli juru, sal-grad tal-probabbli, li l-proprjeta' tal-imputata kompriż il-flus kontanti li nsabu fil-vettura tagħha, kellhom sors leġittimu. L-imputata ma werietx li hi jew l-għarus tagħha kellhom introjtu leġittimu ieħor apparti l-ħlas tal-benefiċċji soċjali, biex setgħet takkumula, anke flimkien mal-għarus tagħha, xi ġid sinjifikanti. Għall-kuntrarju, kollox juri li l-imputata kienet qed tgħix stil ta' ħajja mhux konformi mal-istat finanzjarju leġittimu tagħha, bl-inferenza ċara ta' fatt illi l-flus kontanti fis-somma ta' €42,000 u l-flus li ntużaw biex xtrat il-vetturi, kienu ġenerati minn qliegħ ieħor li ma sabx postu fis-sistema finanzjarja leċita ta' pajjiżna. Dan jinkwadra sfiq fir-reat ta' ħasil ta' flus fejn l-aġent tar-reat jopera barra mill-qafas tas-settur ekonomiku regolarizzat billi, *inter alia*, iżomm flus kontanti barra mis-sistema bankarja biex jiġi evitat li titħalla traċċa tal-istat finanzjarju rejali tagħha.

---

[35] Meta nxtrat il-vettura Mercedes bi tpartit mal-vettura BMW u nstabu l-flus kontanti fis-somma ta' €42,000 fil-vettura Mercedes.

Għaldaqstant, l-imputata naqset milli tipprova kif imiss, il-provenjenza leċita ta' dik il-proprjeta' skont kif maħsub mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-ordni tal-konfiska li għandha tingħata bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ta' Yasmin Dimech għar-reat tal-ħasil tal-flus taħt l-Att kontra Money Laundering, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024, li ġie fis-seħħ fil-mori tal-proċediment fid-9 ta' Frar 2024, jinsabu inkorporati fl-artikolu 32 tal-Att.

L-artikolu 32(2) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi:-

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, **ħlief kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu***. (enfasi tal-Qorti)

Issa, fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att VI tal-2024, hemm imsemmija espressament id-dispożizzjonijiet *inter alia* tal-**artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra Money Laundering** u tal-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

Dan ifisser illi proċeduri kriminali, bħal dawk odjerni, li kienu diġa' pendenti meta daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, għandhom jibqgħu regolati bid-

dispożizzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija, kif kienu fis-seħħ **qabel** il-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024, fosthom għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra l-Money Laundering.

L-artikolu 3(7)(a) tal-Kap. 373 kif kien fis-seħħ qabel l-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att VI tal-2024, kien jiddisponi hekk:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 248E(4) u t-Titolu IVtat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, u dawk tal-artikolu 22(3A)(b), (d) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,għandhom japplikaw mutatis mutandis għar-reat ta' money laundering taħt dan l-Att",*

fejn il-paragrafu (d) tal-artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 jipprovdi li l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni:

"*... tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta...*"

Għall-fini tal-ordni għal konfiska li għandha tingħata b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija f'dan il-każ odjern, is-subartikolu (5) tal-imsemmi artikolu 32 tal-Att VI tal-2024 jipprovdi illi:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering u tal-artikolu 38 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw*

*għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi wkoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza ....”*

Il-proċeduri kriminali odjerni ma kienux imħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u għalhekk il-Qorti fehmet illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat bl-Att VI tal-2024** li jirregola l-ordni għall-konfiska li għandha tingħata wara s-sejbien ta' ħtija għall-ksur tad-dispożizzonijiet tal-Kap. 373, l-Att kontra Money Laundering, għandhom japplikaw biex jiġu determinati l-assi soġġetti għall-konfiska. L-imsemmi artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat, jagħmel referenza għad-dispozizzjoniijet tal-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' (Kap. 621) fir-rigward tad-determinazzjoni ta' dik il-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373[36].

L-artikolu 38 fil-parti rilevanti tiegħu, jiddisponi:-

*(1) Meta Qorti ta' ġuriżdizzjoni kriminali tagħti sentenza dwar persuna li tkun instabet ħatja ta' reat relevanti, hija għandha tinkludi fis-sentenza ordni, hawn*

[36] Art. 3(5) tal-Kap. 373 ma ġiex milqut bl-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024 u baqa' jipprovdi: “*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), **tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat** sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta.”* (enfasi tal-Qorti)

*iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' konfiska", li bih tiġi konfiskata kwalunkwe proprjetà li l-Qorti tiddetermina, abbażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, li tkun proprjetà li hija soġġetta għall-konfiska, kif imfisser fl-artikolu 3(6), bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija.*
*(2) Wara s-sejbien ta' ħtija iżda qabel ma tiddetermina liema proprjetà hija soġġetta għall-konfiska u qabel ma tagħti s-sentenza, il-Qorti għandha tordna lid-Direttur jew lill-prosekuzzjoni sabiex jissottomettu lista ta' assi soġġetti għall-konfiska ...*

Iżda mbagħad, l-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi wkoll:-

***Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1)*** *jew fis-subartikolu (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.* (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser li bl-applikazzjoni tal-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024, id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 23B, 23Ċ u 23D tal-Kodiċi Kriminali kif emendati bl-Att VI tal-2024**, **<u>li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-istess Att</u>**, għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att u kwindi wkoll għal dawn il-proċeduri odjerni. Fil-fatt, l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 huma msemmija speċifikatament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju għall-fini tal-konfiska konsegwenti għs-sejbien ta' ħtija għar-reati addebitati lill-imputat.

L-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista'jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma'kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna* ***l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat*** *sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.*

Imbagħad, l-artikolu 23Ċ(2) tal-Kap. 9 jiddisponi:-

*(2) (a) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi.*
*(b) il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' dawk il-flejjes jew proprjetà mobbli oħra u ta' dik il-proprjetà immobbli tal-persuna misjuba ħatja tar-reat relevanti li jkunu jikkostitwixxu r-rikavat minn dak ir-reat ukoll jekk il-proprjetà mobbli jew immobbli minn meta l-ħati jkun ġie imputat tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.*

L-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 jiddisponi, b'mod anaolgu, li għandu jiġi ordnat it-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, għalkemm jipprovdi wkoll li kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja (u għalhekk mhux biss ir-rikavat tar-reat) għandha,

sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti.

Dan huwa ftit jew wisq konfużjonarju għaliex il-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 3(7) kif kien fis-seħħ qabel l-emenda li saret fl-artikolu 12(b) tal-Att VI tal-2024 u l-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 7 tal-istess Kap. 373 li jirriferi għall-artikoli 38 u 39 tal-Kap. 621 (kif illum emendati)[37] fuq in-naħa l-waħda, hija regolata b'mod ferm differenti mill-konfiska taħt l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 kif emendati bl-istess Att VI tal-2024 u minkejja li l-liġijiet varji m'humiex regolati uniformement mill-Att VI tal-2024, dan l-istatut m'huwiex ċar dwar liema liġi li tirregola l-konfiska tal-assi in segwitu għal sejbien ta' ħtija ta' reat rilevanti, għandha tapplika meta tinstab ħtija dwar reati rilevanti li jemanu minn liġijiet differenti.

Fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad, l-imputata qed tinsab ħatja ta' reat li huwa regolat b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 in kwantu għall-konfiska, u jsibu applikazzjoni dispożizzjonijiet kontradittorji dwar il-konfiska li għandha tiġi ordnata mill-Qorti b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija għar-reat ta' money laundering.

Madankollu, jibqa' dejjem il-prinċipju fondamentali illi f'każ fejn il-liġi li tkun fis-seħħ matul il-proċeduri tkun differenti mil-liġi li tkun fis-seħħ fid-data tad-determinazzjoni tal-proċeduri kriminali, il-Qorti dejjem trid tapplika dik il-liġi li hi l-aktar favorevoli għall-imputat, u hekk sejra tagħmel illum fil-konfront tal-ħati li għandha quddiemha, liema liġi hija dik taħt l-artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u taħt l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373.

[37] L-artikolu 7 jirriferi wkoll għall-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, fuq ċitat.

B'żieda ma' dan il-fatt illi l-artikolu 23A(3) tal-Kap. 9 kif emendat bl-artikolu 3 tal-Att VI tal-2024, issa jiddisponi hekk:-

"*Fejn dan l-artikolu u l-artikoli 23B, 23Ċ u 23D jipprovdu dwar il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità b'mod li mhuwiex provdut fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità d-dispożizzjonijiet ta'* ***dan l-artikolu u tal-artikoli 23B, 23Ċ u 23D għandhom jiġu applikati qabel id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità****. Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw biss sussidjarjament skont l-artikolu 5(3) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.*"

Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 5 tal-Kap. 621 jipprovdu espressament illi "*meta l-liġi tipprovdi għall-konfiska tal-assi tal-akkużat bħala konsegwenza ta' ħtija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tali konfiska għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'dak il-mod illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom madankollu japplikaw fir-rigward ta' proprjetà li tikkostitwixxi rikavat u li mhijiex soġġetta għall-konfiska taħt kull liġi msemmija.*" Għalhekk, peress li r-rikavat mir-reat jitqies sewwasew bħala proprjeta' soġġetta għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' dwar konfiska ma jsibux applikazzjoni fil-każ in diżamina, fosthom għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-istess Kap. 621 li jiddefinixxu l-kunċett ta' 'proprjeta' soġġetta għal konfiska', kunċett li huwa ferm u ferm wiesa' u jinkludi mhux biss ir-rikavat mill-kriminalita' iżda wkoll proprjeta' faċilitattiva u proprjeta' involuta fil-money laundering.

Illi din il-fehma hija msaħħha fuq kollox bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika **biss**, għall-fini tal-konfiska, l-artikolu 23A,

23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u ma indika ebda dispożizzjoni ta' ebda liġi oħra dwar konfiska ta' proprjeta' tal-persuna misjuba ħatja, la dawk taħt il-Kap. 101 u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 621. L-imsemmija artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 ġew emendati radikalment b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u kif rajna, din il-liġi kif hekk emendata hija applikabbli bis-saħħa tal-artikolu 32(6) tal-istess Att, għall-proċeduri odjerni u huma dawn l-artikoli, kif emendati bl-Att VI tal-2024, li ser jiġu applikati mill-Qorti għall-fini tal-Ordni għall-Konfiska, flimkien mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, u mhux id-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita'.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 18, 23, 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 2(1), 2(2), 3(1), 3(2A)(a)(ii), 3(3)[38], 3(5)(a)(ċ) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta[39], u l-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil YASMIN DIMECH ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u tikkundannaha sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħatja tikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien sentejn.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(5)(a) tal-Att kontra Money Laundering, u ai termini tal-artikolu 23B(1) u l-artikolu 23Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali[40], tordna l-konfiska favur il-Gvern (i) tas-somma ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) mis-somma totali ta' €44,000 esebita formalment fl-atti tal-kompilazzjoni (KB/344/2019), u kif ukoll (ii) tas-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) (rappreżentanti l-valur tal-vettura Mercedes bin-numru ta'**

[38] Li jagħmel referenza għall-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kapitolu 101.
[39] Kif kienu jeżistu qabel l-emendi li saru bl-Att VI tal-2024.
[40] Li jagħmlu riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Kap. 101.

**registrazzjoni ICC-098), b'kollox is-somma totali ta' erbgħa u ħamsin elf Euro (€54,000) rappreżentanti r-rikavat tar-reat ta' money laundering.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi jekk dik il-parti mir-rikavat tar-reat, konsistenti fis-somma ta' €12,000, tkun ġiet mberbqa, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat tali rikavat u ma jkunx possibbli li tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-ħatja għandha teħel multa ta' tnax-il elf Euro (€12,000).**

**Ai termini tal-artikolu 23D(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-ħatja u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lilu.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28(A)(8) u sabiex jinserixxi kopja tagħha fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Justin Farrugia, pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**